**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 61**

**It-Tnejn 22 ta' Mejju 2023**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorjo Cassar, Marsaxlokk, fl-4:30 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | _ | Viċi Sindku |
| Stephen Caruana | _ | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Dr Mary Musact | _ | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Karen Scicluna | _ | Segretarju Eżekuttiv |
| Charles Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **61.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 61.1.1 | Ittri ta' apoloġiji ma hemm xejn. Innutat li Daniel Zerafa ma kienx preżenti mill-bidu . |
| **61.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 61.2.1 | Elenia Desira ppproponiet u Stephen Caruana ssekonda bħala korretti l-minuti tal-laqgħa numru 58 li saret f'April 2023 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti.<br>Elenia Desira ppproponiet u Stephen Caruana ssekonda bħala korretti l-minuti tal-laqgħa b'urgenza numru 59 li saret f'Mejju 2023 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti.<br>Elenia Desira ppproponiet u Stephen Caruana ssekonda bħala korretti l-minuti tal-laqgħa b'urgenza numru 60 li saret f'Mejju 2023 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **61.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku.** |
| 61.3.1 | Saret laqgħa fis-26 ta' April 2023 mal-Public Works dwar Triq San Franġisk biex jaraw jistgħux isiru culverts . |
| 61.3.2 | Saret laqgħa fit-8 ta' Mejju 2023 mas-Sur Michael Cohen dwar il-'coaches' li jiġu Marsaxlokk. Il-pulizija kienu mistednin imma ma attendewx. |
| 61.3.3 | Saret laqgħa fil-15 ta' Mejju 2023 mal-MTA dwar it-tapit tal-bajja ta' Għar l-Aħmar u ser isir xi tip ta' Deckking |
| 61.3.4 | Saret talba għall-permess ta' muzika. Ser issir riċerka dwar permessi ta' mużika u xi dritt għandu l-kunsill fuq dawn il-permessi. Is-Sindku nnota li għandha ssir 'policy' dwar dan. Trid issir 'bylaw' dwar dan is-suġġett u għalhekk mhux ħerġin permessi mill-kunsill għalissa. Sar qbil unanimu. |
| 61.3.5 | Żona tal-'powerstation' u permessi tal-BBQs. Permessi mill-pont tal-'powerstation' sat-telgħa ta' St.Peter's Pool ser jiġu maħruġa. Sar qbil unanimu. |
| 61.3.6 | Tenders: Intbagħtu 3 'emails' lill-persuna inkarigata u ma rrispondiex . Din il-persuna qed issir proposta li tiġi terminata u tiġi inkarigata persuna oħra. Ser jitwaqqaf il-kuntratt tad-DPO u nużaw is-servizz tar-Reġjun. Sar qbil unanimu. |
| **61.4** | **Mistoqsijiet mill-kunsilliera** |
| 61.4.1 | Elenia Desira staqsiet jekk it-tabella ta' ħdejn il-berġa tistax tiġi rranġata? Is-sindku qal li se tiġi rranġata.<br>Elenia Desira staqsiet jekk jistgħux isiru 'double lines' ħdejn l-iskola fi Triq Ċiċerun? Is-sindku qal li ser isiru. Mistoqsijiet oħra ġew eżawriti waqt l-andament tal-laqgħa. |
| **61.5** | **Quarterly Report** |

| | |
|---|---|
| 61.5.1 | Is-Sur Karl Cutajar ippreżenta l-Quarterly Financial Report, huwa spjega l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill fid-dettal. Emfasizza li għalkemm dejjem irid ikun hemm prudenza fl-infieq il-qagħda tal-kunsill hija waħda sana. L-indikatur FSI żdied għal 50% minħabba pagamenti li saru u naqsu l-liabilities. Ikkonkluda li l-kunsill sa Marzu 2023 kien qiegħed fi stat finanzjarju tajjeb.<br><br>Taqbel u tapprova dan ir-rapport?<br><br>**Isem** / **Iva** / **Le** / **Asstensjoni**<br>Steven Grech / X / / <br>Elenia Desira / X / / <br>Mary Muscat / X / / <br>Stephen Caruana / X / / <br>Daniel Zerafa / X / / <br><br>Il-Vot Għadda unanimament u għalhekk ir-rapport ġie approvat. |
| **61.6** | **Monti** |
| | Sar qbil li jiġi diskuss fl-aġġornament ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Mejju 2023 |
| **61.7** | **Karozza mislufa lill-*Community Police*** |
| | Is-Sindku ppropona li din il-vettura tiġi 'scrapped' għax il-ħsara li għandha mhux ser tiġi msewwija mill-pulizija u l-Kunsill mhux ser jerfa' din l-ispiża. Sar qbil dwar dan. |
| **61.8** | ***Kamera* fil-*public toilet* Torri Vendome** |
| | Torri Vendome – Tneħħija tal-kameras mill-'public toilet' u għalhekk il-Kummissarju tad-Data Protection għalaq il-każ ta' investigazzjoni. |
| **61.9** | **Jum Marsaxlokk** |
| | Ser issir diskussjoni fil-laqgħa li jmiss imma d-data proposta ser tkun bejn id-9 u l-10 ta' Settembru 2023. |
| **61.10** | **Vakanza ġdida ġewwa l-uffiċċju** |
| | Is-Sindku qal li peress li naqas wieħed mill-Staff, ser tinħareġ 'call' ġdida għal membru ieħor fl-uffiċċju amministrattiv. Sar qbil dwar dan. |
| **61.11** | ***Tender* refurbishment toilet Vendome** |
| | Ser tiġi ppublikata Tender ta' Refurbishment of Public Toilets in Torri Vendome. Sar qbil dwar dan. |

<table>
<tr><td>61.12</td><td>Segretarju Eżekuttiv ġdid</td></tr>
<tr><td></td><td>Is-Sinjura Karen Scicluna preżenti hija s-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid, is-Sur Carmel Attard ser jibqa’ sa massimu ta’ 3 xhur biex jassisti u jagħti ‘handover’.</td></tr>
<tr><td>61.14</td><td>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti</td></tr>
<tr><td>61.14.1</td><td>Skeda pagament u petty cash. Propona Stephen Caruana issekondat Dr. Mary Muscat. Din ġiet approvata b’mod unnanimu bejn dawk preżenti.</td></tr>
<tr><td>61.15</td><td>Il-Laqgħa ġiet sospiża u aġġornata għal nhar it-Tnejn 29 ta’ Mejju 2023.</td></tr>
<tr><td>61.15.1</td><td>Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-17.25h. Tkompliet nhar it-Tnejn 29 ta’ Mejju fl-4.30pm.</td></tr>
<tr><td>61.3</td><td>Komunikazzjoni tas-Sindku</td></tr>
<tr><td>61.3.7</td><td>By Law Stazzjonar Temporanju ta’ Karavans.<br>Saret laqgħa dwar żoni għall-Karavans madwar Malta u għalhekk il-kunsill irid jipproponi “Areas” ġewwa Marsaxlokk għal dan il-għan.<br>Żona 1 :Naħa tat-Torri ta’ San Luċjan – Biswitu<br>Żona 2 : Naħa tat-Torri ta’ San Luċjan – Faċċata<br>Żona 3 : Naħa ta’ Delimara - taħt is-serċ<br>Vot: Taqbel ma dawn l-‘Areas’ proposti?
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Asstensjoni</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Mary Muscat</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
</table>
Il-Vot Għadda unanimament u għalhekk approvati.</td></tr>
<tr><td>61.3</td><td>Monti ta’ fost il-Ġimgħa</td></tr>
<tr><td>61.3.6</td><td>Il-kunsillier Daniel Zerafa iddikjara kunflitt ta’ interess. Wara li saru t-tabelli xorta hemm l-ilmenti u s-sajjieda għandhom ikollhom 5 kaxxi sofor għalihom. Dawn il-proposti ser ikunu sakemm isir il-‘Masterplan’ għax hemm qbil li dik hi l-aħjar soluzzjoni.</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| | Qisien tal-istalls tal-monti.<br><br>Wara diskussjoni dwar liġijiet u 'policies' kien hemm diżgwid bejn kunsillier u s-Sindku u ma sarx qbil. Elenia Desira ssuġġeriet li jiġu eliminati l-qisien waħda, waħda.<br><br>7 piedi – Ġiet eliminata bi qbil unanimu<br><br>10 piedi – Ġiet eliminata bi qbil unanimu<br><br>11 pied – Ġiet eliminata bi qbil unanimu<br><br>12 pied – 'on hold' u ser issir pjanta oħra biex posti komuni jingħaqdu flimkien u naraw kif ikun ir-riżultat.<br><br>15 pied – 'on hold'<br><br>Sar qbil unanimu fuq dawn ta' fuq. |
| **61.13** | **Planning** |
| | Ser tintbagħat ittra ta' oġġezzjoni dwar proposta ta' Hotel fi Triq iz-Zejtun. P/A 2674/23 fuq bażi tal-ilmenti mingħand in-nies, iż-żieda tat-traffiku u n-nuqqas ta' parkeġġ. Il-kunsillier Daniel Zerafa ġie inkarigat li jikteb l-oġġezzjoni. |
| **61.14** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-17.40h, wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 21 ta' Ġunju 2023, fl-16.30h. |

Ikkonfermati, illum 21ta' Ġunju, 2023

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

______________________________ ______________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**Karen Scicluna**
*Segretarju Eżekuttiv*